# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 693/2014

## tat-23 ta' Ġunju 2014

## li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 36/2012 tat-18 ta' Jannar 2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 32(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Jannar 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 36/2012.

(2) L-informazzjoni marbuta ma' persuna waħda elenkata fl-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 36/2012 għandha tiġi aġġornata..

(3) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni, għandhom jiżdiedu tnax-il persuna fuq il-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012

(4) L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-23 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. ASHTON

([1]) ĠU L 16, 19.1.2012, p. 1.

*ANNESS*

1. L-entrata li tikkonċerna l-persuna elenkata hawn taħt, kif stipulat fis-Sezzjoni A tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012, hija sostitwita bl-entrata li ġejja:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| "152. | Dr. Qadri (قدري) (magħruf ukoll bħala Kadri) Jamil (جميل) (magħruf ukoll bħala Jameel) | | Ex-Viċi Prim Ministru tal-Affarijiet Ekonomiċi, Ministru tal-Kummerċ Domestiku u l-ħarsien tal-Konsumatur. Bħala ex-Ministru tal-Gvern jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 16.10.2012" |

2. Il-persuni li ġejjin għandhom jiżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fis-Sezzjoni A tal-Anness II għar-Regolament (UE) Nru 36/2012:

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 180. | Ahmad al-Qadri | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Agrikoltura u r-Riforma Agrarja. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 181. | Suleiman Al Abbas | | Ministru taż-Żejt u r-Riżorsi Minerali. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 182. | Kamal Eddin Tu'ma | Data tat-twelid: 1959 | Ministru tal-Industrija. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 183. | Kinda al-Shammat (magħruf ukoll bħala Shmat) | Data tat-twelid: 1973 | Ministru tal-Affarijiet Soċjali. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 184. | Hassan Hijazi | Data tat-twelid: 1964 | Ministru tax-Xogħol. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 185. | Ismael Ismael (magħruf ukoll bħala Ismail Ismail, jew Isma'Il Isma'il) | Data tat-twelid: 1955 | Ministru tal-Finanzi. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 186. | Dr Khodr Orfali (magħruf ukoll bħala Khud/Khudr Urfali/Orphaly) | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Ekonomija u n-Negozju Barrani. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 187. | Samir Izzat Qadi Amin | Data tat-twelid: 1966 | Ministru tan-Negozju Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |

| | Isem | Informazzjoni ta' identifikazzjoni | Raġunijiet | Data tal-elenkar |
|---|---|---|---|---|
| 188. | Bishr Riyad Yazigi | Data tat-twelid: 1972 | Ministru tat-Turiżmu. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 189. | Dr Malek Ali (magħruf ukoll bħala Malik) | Data tat-twelid: 1956 | Ministru tal-Edukazzjoni Ogħla. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 190. | Hussein Arnous (magħruf ukoll bħala Arnus) | Data tat-twelid: 1953 | Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |
| 191. | Dr Hassib Elias Shammas (magħruf ukoll bħala Hasib) | Data tat-twelid: 1957 | Ministru tal-Istat. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim kontra l-popolazzjoni ċivili. | 24.6.2014 |